MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 18/2012

**Kinetix IT Solutions Limited**

**Vs**

**Advanced Business Solutions Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Kinetix IT Solutions Limited fis-17 ta’ Jannar 2012, permezz ta’ liema titlob li s-socjetà Advanced Business Solutions Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta’ tmint elef u seba’ mitt Euro u erbatax il-centezmu (€8,700.14) rapprezentanti l-prezz ta’ prodotti u servizzi provduti lilha w a beneficcju taghha fuq inkarigu taghha stess, liema somma baqghet ma thallsitx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Jannar 2011 u ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 14 ta’ Settembru 2011; bl-imghax legali dekoribbli mid-data meta l-hlas kien dovut sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk

ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2011 u ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 14 ta' Settembru 2011, kontra s-socjetà Advanced Business Solutions Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Advanced Business Solutions Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba tas-socjetà attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) in linea preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz mhux dovut;

Rat id-dokument esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' April 2012, markat Dok. "AB1" a fol. 12 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta' Martin Borg[1] u ta' Kurt Gauci[2] moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012[3] u rat id-dokumenti esebiti minn Kurt Gauci waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "KG1" sa' Dok. "KG4" a fol. 15 sa' 20 tal-process;
Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' Mejju 2012 markati Dok. "X" u Dok. "Y" a fol. 23 sa' 31 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €8,700.14 rapprezentanti l-prezz ta' prodotti u servizzi minnha provduti lis-socjetà konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess socjetà u a beneficcju taghha, liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet lis-

[1] Fol. 21 tal-process.
[2] Fol. 22 tal-process.
[3]

socjetà konvenuta ghall-hlas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2011 u ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 14 ta' Settembru 2011. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni preliminari li t-talba taghha hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-eccezzjoni fil-meritu li l-ammont pretiz mhux dovut.

B'din is-sentenza qed tigi trattata u deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta in opposizzjoni ghat-talba attrici.

Kif appena osservat is-socjetà konvenuta tikkontendi li t-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €8,700.14 hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut. Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-oneru tal-prova tad-dekors tat-terminu preskrittiv invokat jinkombi fuq il-parti li tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ossia fuq il-konvenut.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani, Appell Civili 92/97** deciza fit-22 ta' Gunju 2005, *skond certu orjentament gurisprudenzjali "il-vera posizzjoni, f'kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilità, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni…" (Kollez. Vol. XXXVII PII p621). Invece, skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnfisu billi jaghzel it-trIq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni" – "Josianne Sciberras v. Giovanni Vella et" Appell 21 ta' Frar 1996, "Jeremy Holland v. Joseph Chetcuti" Appell, 25 ta' Frar*

*2000. Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107(2), Kodici Civili jipprovdi li "Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi." Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volontà tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali.*

Biex tissodisfa l-oneru tal-prova tad-dekors tat-terminu preskrittiv minnha invokat, is-socjetà konvenuta esebiet kopja tal-*purchase order* li kienet ghamlet mas-socjetà attrici li jgib id-data tal-**11 ta' Lulju 2008**[4], ossia iktar minn tmintax-il xahar qabel il-prezentata ta' l-ittri ufficjali datati rispettivament 25 ta' Jannar 2011 u 14 ta' Settembru 2011 li pprecedew dawn il-proceduri. Ghalkemm is-socjetà attrici esebiet il-fattura li nharget fil-kofront tas-socjetà konvenuta ghat-transazzjoni meritu tal-kontestazzjoni, liema fattura ggib id-data l-**1 ta' Marzu 2009** u tipprovdi ghal ***30 days credit***, is-socjetà konvenuta tikkontendi li fi kwalunkwe kaz it-terminu ta' tmintax-il xahar previst fl-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kien lahaq iddekorra sal-prezentata ta' l-ittri ufficjali tal-25 ta' Jannar 2011 u ta' l-14 ta' Settembru 2011.

Ladarba s-socjetà konvenuta ressqet il-prova taghha in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnha, jispetta lis-socjetà attrici li tikkumbatti din l-eccezzjoni b'wiehed mill-mezzi previsti fil-Ligi, ossia billi taghti l-gurament lill-konvenut jew billi tipprova l-inammisibilità, l-

---

[4] Dok. "AB1" a fol. 12 tal-process.

interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni eccepita mis-socjetà konvenuta[5].

Fil-kaz in ezami s-socjetà attrici ghazlet li taghti l-gurament lil Martin Borg bhala rapprezentant tas-socjetà konvenuta **u** tikkontendi wkoll li mill-provi minnha prodotti jirrizulta li t-terminu ta' preskrizzjoni invokat mis-socjetà konvenuta mhux applikabbli in kwantu fil-fehma taghha japplika t-terminu preskrittiv ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi t-transazzjoni bejnha u s-socjetà konvenuta ma kienitx semplici bejgh izda kien hemm element ta' servizz rez u li tali terminu gie debitament interrott bl-ittri ufficjali tal-25 ta' Jannar 2011 u ta' l-14 ta' Settembru 2011.

Fil-fehma tal-Qorti però l-linja difensjonali adottata mis-socjetà attrici hija guridikament insostenibbli ladarba ghazlet li l-ewwel qabel kollox taghti l-*guramento decisorio* lir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta. In effetti waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012 Martin Borg, rapprezentant tas-socjetà konvenuta, gie prodott mis-socjetà attrici biex bil-gurament tieghu jirrispondi ghad-domanda jekk dwar il-*purchase order* esebit mis-socjetà konvenuta bhala Dok. "AB1" a fol. 12 tal-process l-istess socjetà konvenuta ghandhiex taghti xi flus lis-socjetà attrici. In risposta ghal tali mistoqsija Martin Borg irrisponda li le[6]. Fid-dawl ta' tali risposta il-Qorti in realtà ma ghandhiex triq ohra ghajr li tilqa' l-preskrizzjoni eccepita mis-socjetà konvenuta u tichad it-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €8,700.14.

Il-*guramento decisorio*, trattat fil-Ligi nostrali taht l-Artikolu 2160 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, igorr mieghu konsegwenzi legali ben specifici fl-eventwalità li r-risposta tad-debitur ghad-domanda posta mill-kreditur ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi tkun li ma huwiex fil-fatt debitur tieghu jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. In effetti f'tali cirkostanza l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-

---

[5] Hilda Bartolo et v. Giuseppina Zammit et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 1953; Zammit & Cachia Trading Limited et v. Francis Zammit, Appell Civili Nru. 1440/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005.
[6] Fol. 21 tal-process.

eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tichad it-talba tal-kreditur ghall-hlas.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit & Cachia Trading Co. Ltd. et v. Francis Mizzi, Appell Civili Nru. 1440/04** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005, fejn gie osservat illi l-Artikolu 2160 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *jipprovdi li "il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa". Fil-kumment tieghu fid-decizjonijiet fl-ismijiet "Avv. Dr. Filippo Buttigieg v. Domenico Azzopardi" Qorti Civili, Prim' Awla, 11 ta' Dicembru 1947, l-Onor. Imhallef Tancred Gouder jenuncja illi "id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2265 (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il-gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il-preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant il-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha. Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skond il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu". Issokta jigi precizat mill-istess Imhallef insenji fis-sentenza "Vincenzo Cauchi v. Giovanni Scerri", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955, illi "fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skond l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlefx li mhux debitur. Jekk hu jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet*

*taghhom ikunu gejjin minn dik il-persuna". Ghall-kompletezza tal-kwadru fuq din it-tematika, il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn ir-riljievi:- (1) "Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-gurament lill-eccipjent. Jekk hi ma tiddeferrix il-gurament il-Qorti ma tistax tordnah ex officio – "Diego Attard nomine v. Angelo Fenech" Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965; (2) "Bhala regola generali d-dilazzjoni ta' dan il-gurament minhabba n-natura tieghu, ghandha ssir wara li jkunu gew maghrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun giet eccepita, u mhux qabel – "Inginier Francesco M. Caruana v. Konti Francesco Sant Cassia et nomine" Appell Civili, 11 ta' Ottubru 1940; (3) "Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur" – "Vincenzo Vella v. Carmela armla Sciberras" Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' Jannar 1963; "Salvatore Jacono v. Vincenza vedova Serra" Appell Civili, 4 ta' Frar 1927; (4) "Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili – "Tabib Principal ital-Gven v. Giorgina Muscat" Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu 1978.*

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti guridici ghalhekk il-Qorti ttenni li ladarba s-socjetà attrici ghazlet li taghti l-*guramento decisorio* lil Martin Borg in rapprezentanza tas-socjetà konvenuta u dana ghad domanda jekk is-socjetà konvenuta hijiex debitrici tas-socjetà attrici vis-à-vis il-*purchase order* esebit bhala Dok. "AB1" a fol. 12 tal-process, irrisponda illi le, Hija necessarjament ghandha tieqaf hawn, tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata

mis-socjetà konvenuta u tichad it-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta’ €8,700.14.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta u filwaqt li tiddikjara li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta’ tmintax-il xahar ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tichad l-istess talba attrici.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------